

22004D0001

L 116/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.4.2004

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 1/2004****tas-6 ta' Frar 2004**

li temenda l-Anness II (Regolament tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitħ Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2001 tat-28 ta' Settembru 2001 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar tip-appravvazzjoni ta' tractors għall-agrikultura jew forestrija, il-karrijet u l-makkinarju skambjabbbi rmonkat tagħhom, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u li tirrevoka d-Direttiva 74/150/KEE ⁽²⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2003/37/KE tirrevoka, b'effett mill-1 ta' Lulju 2005, id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ⁽³⁾, li hija inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha tkun irrevokata taħt il-Ftehim.
- (4) Id-Direttivi tal-Kummissjoni 98/38/KE ⁽⁴⁾, 98/39/KE ⁽⁵⁾, 2000/2/KE ⁽⁶⁾ u 2001/3/KE ⁽⁷⁾, li kienu inkorporati bħala atti li jemendaw id-Direttiva 74/150/KEE, għandhom ikunu mċaqilqa għal punti separati taħt il-Kapitolu II ta' l-Anness II tal-Fehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ġEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II ta' l-Anness II mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 1 (Direttiva 74/150/KEE) għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2005.

⁽¹⁾ ĠU L 322, tas-6.12.2001, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 171, tad-9.7.2003, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 170, tas-16.6.1998, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU L 170, tas-16.6.1998, p. 15.

⁽⁶⁾ ĠU L 21, tas-26.1.2000, p. 23.

⁽⁷⁾ ĠU L 28, tat-30.1.2001, p. 1.

2. Il-punti li ġejjin jkunu inseriti wara l-punt 23 (Direttiva tal-Kunsill 89/173/KEE):
- “24. **398 L 0038:** Direttiva tal-Kummissjoni 98/38/KE tat-3 ta’ Ġunju 1998 li tadatta għal-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 74/151/KEE dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta’ tractors bir-roti għall-agrikultura jew forestrija (ĠU L 170, tas-16.6.1998, p. 13).
 - 25. **398L0039:** Direttiva tal-Kummissjoni 98/39/KE tal-5 ta’ Ġunju 1998 li tadatta għal progress tekniku id-Direttiva tal-Kunsill 75/321/KEE konnessa ma’ tagħmir ta’ steering ta’ tractors bir-roti għall-agrikultura jew forestrija (ĠU L 170, tas-16.6.1998, p. 15).
 - 26. **32000 L 0002:** Direttiva tal-Kummissjoni 2000/2/KE ta’ l-14 ta’ Jannar 2000 li tadatta għal progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 75/322/KEE konnessa mat-trażżeen ta’ interference tar-radju prodotta b’magni li jaqbdu bi xrar iffittjati ma’ tractors bir-roti għall-agrikultura jew forestrija u d-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE konnessa mat-tip-approvazzjoni ta’ tractors bir-roti għall-agrikultura jew forestrija (ĠU L 21, tas-26.1.2000, p. 23).
 - 27. **32001 L 0003:** Direttiva tal-Kummissjoni 2001/3/KE tat-8 ta’ Jannar 2001 li tadatta għal progress tekniku id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE konnessa mat-tip-approvazzjoni ta’ tractors bir-roti għall-agrikultura jew forestrija u d-Direttiva tal-Kunsill 75/322/KEE konnessa mat-trażżeen ta’ interference tar-radju prodotta minn magni li jaqbdu bi xrar iffittjati ma’ tractors bir-roti għall-agrikultura jew forestrija (ĠU L 28, tat-30.1.2001, p. 1).
 - 28. **32003 L 0037:** Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Mejju 2003 dwar it-tip-approvazzjoni ta’ tractors għall-agrikultura jew forestrija, il-karrijet u l-makkinari skambjabbi rmonkat tagħhom, flimkien mas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati u li tirrevoka d-Direttiva 74/150/KEE (ĠU L 171, tad-9.7.2003, p. 1).
Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-fini tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:
 - (a) Fl-Anness III, il-Part I, il-Kapitoli A, B u C, li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 16:
 ‘- l-Islanda: ...’
 ‘- il-Liechtenstein: ...’
 ‘- in-Norveġja: ...’
 - (b) Fl-Anness III, il-Part II, il-Kapitoli A u B, li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 16:
 ‘- l-Islanda: ...’
 ‘- il-Liechtenstein: ...’
 ‘- in-Norveġja: ...”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2003/37/KE fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandha tkun ppubblikata fis-Suppliment taż-ŻEE fil-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta’ Frar 2004, sakemm in-notifikasi kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ntgħamlu (ntbgħatu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’, u fis-Suppliment taż-ŻEE ma’, il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea.

Magħmulu fi Brussel, fis-6 ta’ Frar 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonal m'huma indikata.